**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April, 2002

**Numru 13**

**Avviz numru 395/01JR**

**Alfonso Abela**

**vs**

**Emmanuel Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-12 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm192.25), ghall-incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fil-15 ta' Dicembru, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru GAG-481 habat mal-vettura numru GMY-103 proprjeta` ta' l-attur u misjuqa minnu, ghall liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli**

**minhabba impridenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Frar, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-avviz.**

**Ra li deher id-difensur tal-konvenut u ikkontesta t-talba pero` baqghet ma gietx prezentata risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfonso Abela, WPS 23 Josephine Moore, Emmanuel Gauci. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fil-15 ta' Dicembru, 2000, f'Birkirkara By Pass, fejn ir-roundabout tal-post imsejjeh Ta' Ganu. Il-vetturi invoulti fil-kollizzjoni kienu, van transit misjuq mill-attur numru GMY-103, u l-vettura tal-konvenut GAG-481.**
2. **Jirrizulta li l-attur kellu t-tfal fil-vann, kien gej mit-Triq li taghti ghall-Iklin, u ried jaqbad ir-roundabout biex imur fid-direzzjoni tal-Mithna ta' Birkirkara, billi jaqbad is-"sevice road" li hemm fuq ix-xellug**

**(thares fid-direzzjoni ta' Hal-Lija). L-attur ghandu "give way" sign biex johrog mit-triq li taghti ghall-Iklin, u dana sabiex icedi ghat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni ta' Hal-Lija. Meta sehh l-incident jirrizulta li l-attur kien gja qabad ir-roundabout.**

3. **Il-konvenut kien gej minn Dun Karm Street u kellu "give way' sign sabiex icedi ghat-traffiku li jkun qed idur mar-roundabout.. Jirrizulta li l-konvenut kien ghadda l-"give way" sign bil-vettura kollha, meta laqat mal-attur.**
4. **Skond l-attur il-konvenut baqa' hiereg u dahal fih. Filwaqt li l-konvenut jghid li l-attur speedja biex jilhaq jaqbad ir-roundabout u jevita karrozzi li kienu gejjin minn Hal Lija.**
5. **Jinghad ukoll illi filwaqt li l-attur kien qed jaqbel mal-vetturi kif murija fl-isketch, il-konvenut jghid li l-vetturi kienu aktar imressqin lejn minn fejn hareg hu.**
6. **Bhala danni l-attur kellu hsara fuq il-bieba ta' quddiem u fuq il-mudguard tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu hsara fuq il-faccata.**
7. **Minn valutazzjoni tal-fatti t-tezi tal-konvenut ma hijiex sostenibbli in kwantu ma jirrizulta minn imkien li l-attur kien qed jispeedja, ma kienx hemm brake marks, u l-hsara kienet zghira, li ma kienx ikun il-kaz kieku tassew l-attur kien qieghed jaccelera ghax l-impatt f'dak il-kaz kien ikun aktar qawwi. Wiehed irid iqies ukoll illi l-attur lahaq mexa distanza sew, tant li kien qabad ir-roundabout, meta l-konvenut dahal fih. Il-lokal hemmhekk hu tali li filwaqt li l-attur ried jimxi**

**distanza biex jaqbad ir-roundabout, il-konvenut malli qabez il-give way sign kellu ir-roundabout mieghu. Ghalhekk ta' bil-fors il-konvenut ma kienx qed izomm "proper lookout" kif tirrikjedi il-ligi. (Vide: GasanMamo noe vs Saviour Spiteri – InfMM – dec 19-6-2000).**

8. **Jidher li l-konvenut ittenta l-manuvra li johrog filwaqt li l-attur kien gja qabez sew il-"give way" sign li jaghti ghat-triq ta' l-Iklin, u meta l-istess attur kien vicn hafna tar-roundabout. Ghalhekk l-impatt kien minimu u d-danni jirriflettu din id-dinamika ta' l-incident li t-Tribunal isib l-aktar plawsibbli.**
9. **Da parti tieghu l-konvenut kellu l-obbligu li jara li qabel ma johrog ma jkunux gejjin vetturi, u l-attur kien sew visibbli ghall-konvenut. Il-konvenut kien fid-dmir li jara li ma kienux gejjin vetturi u li seta' jaghmel il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu ghall-vetturi li qed jersqu lejn ir-roundabout. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**
10. **Bhala danni l-attur kellu l-ammont ta' mija tnejn u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm192.25), kif jirrizulta mid-Dokumenti D, E u F esebiti.**

**Ghaldaqstant it-tribunal jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u tnejn u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm192.25) bl-imghax legali mit-12 ta’ Gunju, 2001.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Frar, 2001, dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**